# *IS-SMEWWIET (IL-ĠENNA)*

## DESKRIZZJONI BIBLIKA DWAR

"***Għax it-tama li hi merfugħa għalikom fis-smewwiet****, li biha intom smajtu qabel fil-kelma tal-verità ta' l-evanġelju*" (Kolos-sin 1:5).

## IS-SMEWWIET, KIF SE TKUN?

Il-Bibbja tagħtina stampa aktar kompluta milli aħna nistgħu naħsbu. L-ewwel ħalli nagħtu daqqa t'għajn lejn dak lis-Smewwiet mhix se tkun.

1. Fis-Smewwiet, ma jkun hemm:

- Ebda Nuqqas ta' enerġija, għaliex Alla għandu l-qawwa kollha.
- Ebda ħbit ma' xi affarijiet fid-dlam
- Ebda ljieli bla rqad għaliex hemm ma hemmx lejl –

  "*U bwieba ma jingħalqu qatt bi nhar; għax ma jkunx hemm lejl*" (Rivelazzjoni 22:25).

- Lanqas ma jkun hemm: kontijiet xi nħallsu, sptarijiet jew kontijiet tal-bank.
- Fil-fatt, fis-Smewwiet ma jkun hemm ebda lmenti; ebda kliem minn wara dahar dak li jkun; ebda mibegħda; ebda biża'; u ebda kriminalità.

Lest int li tgħix fis-Smewwiet?

2. Issa, ħalli nagħtu daqqa t'għajn mill-qrib dwar kif se tkun is-Smewwiet:

- Is-Smewwiet se jkun post ta' sħubija:

  "*Sejjer inhejjilkom post fejn toqgħodu. U meta mmur u nhejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi*" (Ġwanni 14:2, 3).

- Bħala wlied ta' Alla, aħna għandna:

  "*Niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru, hekk inkunu għal dejjem mal-Mulej*" (1 Tessalonikin 4:17).

- Naqraw f'Rivelazzjoni:

  "*Imbagħad lir-rebbiegħ, lil dak li jħares sa l-aħħar l-opri tiegħi,…nagħtih il-Kewkba ta' fil-Għodu*" (Rivelazzjoni 2:26-28).

"*Jien Ġesù…Jiena r-rimja tal-familja ta' David, il-Kewkba ta' fil-għodu*" (Rivelazzjoni 22:16).

**3.** Is-Smewwiet ikun post ta' qima lil Alla.

- Meta Isaija jitkellem għall-Mulej tas-smewwiet ġodda u art ġdida (idjoma biblika għas-Smewwiet), hu jipprofetizza li:

  "*Kulħadd jiġi jinxteħet quddiemi biex jagħtini qima*" (Isaija 66:22, 23).

- L-appostlu Ġwanni jbassar ukoll l-istess ħaġa fejn igħid:

  "*…għax int waħdek qaddis: għax il-ġnus kollha jiġu u jqimu quddiemek…*" (Rivelazzjoni 15:4).

**4.** Żgur lis-Smewwiet ikun post ta' ferħ u xogħol produttiv. Aħna nistgħu nkunu żguri li fis-Smewwiet aħna nkunu bħal Alla u Ġesù, u huma dejjem Ġesù qal,

> "*…Missier għadu jaħdem s'issa, u jien qiegħed naħdem*" (Ġwanni 5:17).

Aħna nsibu din l-istess deskrizzjoni tas-sema ġdida u art ġdida f'Rivelazzjoni 21:1 u f'Isaija 65:17. Isaija jiddeskriviha bħala post ta' ferħ fejn hemm ma jkun hemm ebda dmugħ lanqas ma tisma' ħoss tal-biki. Dan qiegħed f'Isaija 65:19 u wkoll f'Rivelazzjoni 21:4; 7:17. Isaija jkompli biex jurina li dan ikun post fejn wieħed jista' jaħdem u jara x-xogħol jagħti l-frott. Dan huwa f'Isaija 65:21-23.

Is-Smewwiet ikun hemm ġmiel 'il fuq mill-immaġinazzjoni tagħna. L-aħjar li Ġwanni seta' jagħmel biex jiddeskrivi s-smewwiet kien li jgħid li hija bħal belt kollha kemm hi deheb ċar. Hu jgħid f'Rivelazzjoni 21:14-21:

> "*U l-bini tal-ħajt tagħha kien tal-ġaspru: u l-belt kienet deheb safi, bħal ħġieġ ċar. Il-ħajt tal-belt għandu pedamenti mogħnija b'kull xorta ta' ħaġar prezzjuż: l-ewwel pedament ġaspru, it-tieni saffir, it-tielet kalċedonju, ir-raba' smerald, il-ħames sardoniċi, is-sitta korenalin, is-seba' krisolitu, it-tmienja beril, id-disa' topazju, il-għaxra kropazju, il-ħdax ġjaċint, u t-tnax ametist. U t-tnax-il bieb huma tnax-il ġawrha, kull bieb magħmul minn ġawrha. Il-pjazza tal-belt hi tad-deheb fin tleqq qisha ħġieġa*"

U l-belt kollha hija mixgħula bil-glorja ta' Alla. Is-Smewwiet huwa post ta' barkiet bla qies. Ġesù pprepara post għalina hemm. Teżor kbira jinsab merfugħ għalina hemm; fil-fatt, il-qaddisin sejrin "jirtu l-ħwejjeġ kollha"

(Rivelazzjoni 21:7). Il-weraq tas-siġra tal-ħajja jiggarantixxu s-saħħa tagħna, u l-ilma ċar daqs il-kristall tax-xmara tal-ħajja jinżel mit-tron ta' Alla. Għal l-ewwel darba sa mill-Ġnien ta' Għeden, l-ulied ta' Alla jistgħu jieklu minn din is-siġra fil-Ġenna Tiegħu (Ġenesi 3:22 u Rivelazzjoni 2:7).

Fis-Sema aħna nkunu mogħtija ismijiet ġodda, iġmsa li ma jitħassrux,

> "*F'waqt wieħed, f'teptipa ta' għajn ma' l-aħħar tromba, u l-mejtin iqumu biex ma jitħassrux aktar, u aħna nitbiddlu*" (1 Korintin 15:52).

Aħna nkunu ġebel ħaj glorjuż,

> "*U intom ukoll, bħal ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali, saċerdozzju qaddis biex toffru sagrifiċċji spiritwali, li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu*" (1 Pietru 2:5).

Aħna nkunu mlibbsin f'ilbies bojod tal-ġustizzja,

> "*Hekk ukoll lir-rebbieħ, għad ixidd fuqu lbies abjad; u jiena mhux talli ma nħassarlux ismu minn ktieb il-ħajja; imma nistqarrlu ismu quddiem Mis-sieri u quddiem l-anġli tiegħu*" (Rivelazzjoni 3:5).

Aħna nkunu wkoll kolonni fit-tempju etern ta' Alla,

> "*Lir-rebbieħ nagħmlu kolonna fit-tempju ta' Alla tiegħi…*" (Rivelazzjoni 3:12).

Imma l-aħjar fost kollox, is-Smewwiet ma' Alla u Ġesù jkun post ta' mħabba. Alla f'imħabba kbira,

> "*jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom*" (Rivelazzjoni 21:4).

L-anġli jifirħu hekk kif is-Smewwiet jimtlew bi Kristjani ġusti. Pietru jgħid hekk dwar dan,

> "*Imma aħna, skond il-wegħda tiegħu, nistennew smewwiet ġodda u art ġdida, li fihom tgħammar il-ġustizzja*" (2 Pietru 3:13).

Dawk l-ispirti li xxenqu u kellhom l-għatx biex bl-umiltà jgħixu ma' Alla; dawk b'qalbhom safja; dawk li bir-rieda tagħhom żammeww u ssaportew il-persekuzzjoni; u dawk li kienu għexu fil-paċi ta' Alla, sejrin igħixu flimkien f'ħajja u mħabba għal dejjem ta' dejjem. Dan il-post huwa s-Smewwiet. Sejjer int tkun hemm?

# *IS-SMEWWIET (IL-ĠENNA)*

# DESKRIZZJONI BIBLIKA DWAR

## I. Is-Smewwiet (il-Ġenna) huwa l-post li fih igħammar Alla:

## Testment il-Qadim:

**Dewteronomju 26:15,**

"*Ħares lejna mill-**agħmara mqaddsa tiegħek, mis-sema**, u bierek il-poplu tiegħek, Iżrael, u l-art li tajtna, bħal ma ħlift lil missirijietna, art tnixxi ħalib u għasel.*"

**Żakkarija 2:13,**

"*Kull laħam jiskot quddiem il-Mulej! għax Hu sten-baħ min **agħmartu mqaddsa**.*"

**1 Slaten 8:30, 39, 43, 49,**

"*U isma' t-tħannin tal-qaddej tiegħek, u tal-poplu tie-għek Iżrael, xħin jitolbu lejn dan il-post: u isma' **fis-sema, il-post ta' l-agħmara tiegħek**: u xħin tisma', aħfer…Isma' int imbagħad **fis-sema, mill-post ta' l-agħmara tiegħek**, u aħfer, u agħmel, u rodd lil kulħadd skond imġibtu kollha, int li tagħraf lil qalbu; (għax int, int waħdek, tagħraf qalb ulied il-bnedmin kollha;)…Isma' int **fis-sema, il-post ta' l-agħmara tiegħek**, u agħmel skond kulma jitol-bok il-barrani: biex il-popli kollha ta' l-art jagħrfu ismek, biex jibżgħu minnek, kif jagħmel il-poplu tiegħek Iżrael u biex jagħrfu li did-dar, li jien bnejt, tissejjaħ b'ismek…Imbagħad isma' int it-talba tagħ-hom, u t-tħannin tagħhom **fis-sema, il-post fejn tgħammar**, u għamlilhom ħaqq.*"

**1 Kronaki 16:31,**

"*Ħa jifirħu **s-smewwiet**, u ħa tithenna l-art; u ħa jgħidu fost il-ġnus: Il-Mulej isaltan.*"

**1 Kronaki 21:26,**

"*U David bena hemm altar lill-Mulej, u offra offerti tal-ħurq, u sagrifiċċji tas-sliem, u sejjaħ lill-Mulej; u wieġbu bin-nar **mis-sema** fuq l-altar ta' l-offerti tal-ħruq.*"

**2 Kronaki 2:6,**

*"Iżda min għandu l-ħila jibnilu dar, jekk* ***is-sema, u s-sema tas-smewwiet*** *ma jesgħuhx? U min jien, biex nibnilu dar, ħlief biex naħraq l-inċens quddiemu?"*

**2 Kronaki 6:18, 21, 27, 30, 33, 35, 39,**

*"Iżda tabilħaqq li Alla jgħammar mal-bniedem fuq l-art? Ara,* ***is-sema u s-sema tas-smewwiet*** *ma jesgħukx; kemm anqas din id-dar li jien bnejt?…Isma' għalhekk it-tħannin tal-qaddej tiegħek, u tal-poplu tiegħek Iżrael, xħin jitolbu f'dan il-post: isma' mill-post ta' agħmartek,* ***mis-sema****, u xħin tisma' aħfer …Isma'* ***mis-sema****, u aħfer dnub il-qaddejja tiegħek, u tal-poplu tiegħek Iżrael, billi tgħallimhom it-triq it-tajba li għandhom jimxu fiha, u agħti x-xita lil artek, li int tajt b'wirt lill-poplu tiegħek….Isma'* ***mis-sema****, mill-post ta' agħmartek, u aħfer, u rodd lil kull wieħed skond imġibtu kollha, int li tagħraf qalbu; (għax int waħdek tagħraf qalb ulied il-bnedmin:)….Int isma'* ***mis-sema****, mill-post ta' agħmartek, u agħmel skond kulma jitolbok il-barrani; biex il-ġnus kollha ta' l-art jagħruf ismek, u jibżgħu minnek, bħall-poplu tiegħek Iżrael, u biex jagħrfu li ismek imsejjaħ fuq din id-dar li jien bnejt….Int isma'* ***mis-sema*** *talbhom u tħannihom, u agħmlilhom il-ħaqq….Isma' mbagħad* ***mis-sema****, mill-post ta' agħmartek, it-talb tagħhom, u t-tħannin tagħhom, u agħmlilhom il-ħaqq, u aħfer lill-poplu tiegħek li jkun dineb kontra tiegħek."*

**2 Kronaki 7:14,**

*"Jekk il-poplu tiegħi, li fuqu jissejjaħ ismi, jumilja ruħu, u jitlob, u jfittex wiċċi, u jerġgħu lura minn triqathom il-ħżiena, jien nisma'* ***mis-sema****, u naħ-fer ħtijiethom, u nfejjaq lil arthom."*

**2 Kronaki 30:27,**

*"Imbagħad il-qassisin u l-Leviti qamu u bierku l-poplu; u nstama' leħinhom, u talbhom wasal sa l-agħmara mqaddsa tiegħu,* ***fis-sema****."*

**Neħemija 9:27,**

*"Għalhekk int tajthom f'idejn l-egħdewwa tagħhom, li ħaqruhom: iżda fil-waqt tad-dwejjaq tagħhom għajtu lilek, u int smajthom **mis-sema**; u skond il-ħniena kbira tiegħek, int tajthom feddejja li fdewhom minn id dawk li ħaqruhom."*

**Ġob 22:12, 14,**

*"Alla mhux fil-għoli **tas-sema**? U, ara l-għoli tal-kwiekeb, kemm huma għoljin!"*

**Salm 2:4,**

*"Jidħaq dak li qiegħed **fis-smewwiet**; il-Mulej jidħaq bihom."*

**Salm 11:4,**

*"Fit-tempju mqaddes tiegħu hu l-Mulej: it-tron tal-Mulej hu **fis-smewwiet**: għajnejh jilmħu, xfar għajnejh jiflu lil ulied il-bnedmin."*

**Salm20:6,**

*"Issa naf li Alla jsalva l-midluk tiegħu; jisimgħu **mis-sema** mqaddes tiegħu, bil-vittorji qawwijin tal-leminija tiegħu."*

**Salm 33:13,**

*"Il-Mulej iħares **mis-sema**; u jara l-ulied kollha tal-bnedmin."*

**Salm 102:19,**

*"Għax hu xiref mill-għoli tas-santwarju tiegħu; **mis-sema** ttawwal il-Mulej lejn l-art."*

**Salm 103:19,**

*"Il-Mulej **fis-smewwiet** waqqaf it-tron tiegħu, u s-saltna tiegħu fuq kollox taħkem."*

**Salm 113:5,**

*"Min hu bħall-Mulej, Alla tagħna, li qiegħed fuq it-tron **fil-għoli**."*

**Salm 135:6,**

*"Kulma jogħġbu l-Mulej jagħmlu, **fis-sema** u fl-art, fl-ibħra u f'qiegħ l-ibħra kollha."*

**Salm 123:1,**

"*Lejk narfa' għajnejja, o int li* ***tgħammar fis-smewwiet****.*"

**Ekkleżjażti 5:2,**

"*La tkunx imferfex b'fommok, u la tgħaġġilx qalbek toħroġ kelma quddiem Alla; għax Alla* ***fis-sema****, u inti fl-art; għalhekk ħa jkun kliemek ftit.*"

**Isaija 57:15,**

"*Għax hek igħid Dak* ***li jgħammar fil-għoli*** *u merfugħ, li jgħammar għal dejjem, u jismu Qaddis: Jien* ***ngħammar f'post għoli*** *u qaddis, iżda jien ma' min qalbu mnikkta, u umli fl-ispirtu, biex naħji ruħ l-umli, u naħji qalb l-imnikktin.*"

**Isaija 63:15,**

"*Ħares* ***mis-sema****, u ara mill-agħmara tal-qdusija u l-glorja tiegħek: fejn hi l-ħeġġa tiegħek u s-setgħa tiegħek, il-ħerqa ta' qalbek u tal-ħniniet tiegħek lejja? Jaqaw inżammu?*"

**Isaija 66:1,**

"*Hekk igħid il-Mulej:* ***Is-sema*** *t-tron tiegħi, u l-art mirfes riġlejja: fejn hi mela d-dar li tistgħu tibnuli? U fejn hu l-post tal-mistrieħ tiegħi?*"

**Ġeremija 23:24,**

"*Jista' bniedem jinħeba fil-moħbi u jien ma narahx? igħid il-Mulej. Mhux jien li nimla* ***s-sema*** *u l-art? igħid il-Mulej.*"

**Biki ta' Ġeremija 3:41, 50,**

"*Ħa nerfgħu qlubna u jdejna lejn Alla* ***fis-smewwiet****…Sa ma jtawwal il-Mulej, u jara* ***mis-sema****.*"

**Danjel 4:35,**

"*U dawk li jgħammru l-art qishom xejn: u jagħmel kif jogħġbu ma' l-eżerċtu* ***tas-sema****, u fost dawk li jagħmmru fuq l-art: u mhemm ħadd li jista' jżomm idu, jew igħidlu: X'inti tagħmel?*"

**Danjel 5:23,**

*"Iżda rfajt lilek innifsek kontra s-Sid* ***tas-sema****; u ġiebu quddiemek il-kisien ta' daru, u xrobt l-inbid minnhom int, il-kbarat tiegħek, in-nisa tiegħek miż-żewġa, u l-konkubini tiegħek, u faħħart l-allat tal-fidda, tad-deheb, tal-bronż, tal-ħadid, ta' l-injam, u tal-ħaġar, li u la jaraw, u la jisimgħu, u lanqas ma jifhmu: u 'l Alla li f'idejh qiegħed nifsek, u triqatek kollha, ma gglorifikajtux."*

# Testment il-Ġdid:

**Mattew 5:34, 45,**

*"Imma jien ngħidilkom: Taħlilfu xejn; la* ***bis-sema****; għax hu t-tron t'Alla:…Biex tkun wlied Missierkom lihu* ***fis-smewwiet****: għax hu jtalla' x-xemx tiegħu fuq il-ħżiena u fuq it-tajbin, u jibgħat ix-xita fuq in-nies sewwa u fuq dawk li mhumiex sewwa."*

**Mattew 6:9,**

*"Hekk mela itolbu: Missierna li int* ***fis-smewwiet****, jitqaddes ismek."*

**Mattew 10:32-33,**

*"Kull min mela jstqarrni quddiem il-bnedmin, lilu nistqarru wkoll quddiem Missieri* ***li hu fis-smewwiet****. Iżda kull min jiċħadni quddiem il-bnedmin, lilu niċħad jien ukoll quddiem Missieri* ***li hu fis-smewwiet****."*

**Mattew 11:25,**

*"F'dak iż-żmien wieġeb Ġesù, u qal: Nifżżikħajr, o Missier, Sid* ***is-sema*** *u l-art, għax int ħbejt dawn il-ħwejjeġ mill-għorrief u mill-għaqlin, u kxifthom lit-trabi."*

**Mattew 12:50,**

*"Għax kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri* ***li hu fis-smewwiet****, dak ħija, u oħti, u ommi."*

**Mattew 16:17,**

*"U wieġeb Ġesù, u qallu: Imbierek int, Xmun Bar-Ġona: għax mhux il-laħam u d-demm għarrfek dan, iżda Missieri* ***li hu fis-smewwiet****."*

**Mattew 18:10, 14,**

*"Araw li ma tmaqdrux lil xi wieħed minn dawn iċ-ċkejknin; għax ngħidilkom: L-anġli tagħhom* ***fis-smewwiet*** *dejjem jaraw wiċċ Missieri* ***li hu fis-smewwiet****...Hekk ukoll mhix ir-rieda ta' Missier-kom* ***li hu fis-smewwiet****, li jintilef wieħed minn dawn iċ-ċkejknin."*

**Mark 11:25-26,**

*"U intom u titlolbu, aħfru, jekk għandkom xi ħaġa kontra xi ħadd; biex Missierkom* ***li jinsab fis-smewwiet*** *jaħfrilkom dnubietkom ukoll. Iżda jekk intom ma taħfrux, lanqas Missierkom* ***li jinsab fis-smewwiet*** *ma jaħfrilkom dnubietkom."*

**Mark 16:19,**

*"Imbagħad wara li kellimhom, il-Mulej irtafa'* ***fis-sema****, u qagħad fil-leminija ta' Alla."*

**Atti 7:49,**

*"****Is-sema*** *hu t-tron tiegħi, u l-art mirfes riġlejja; liema dar tibnuli? Igħid il-Mulej: jew liema hu l-lok tal-mistrtieħ tiegħi?"*

**Rumani 1:18,**

*"Għax il-għadab t'Alla jidher* ***mis-sema*** *kontra kull ħażen u deni tal-bnedmin, li jżommu s-sewwa fid-deni."*

**Lhud 8:1,**

*"Issa l-qofol ta' dak li għidna hu dan: Għandna bħala qassis il-kbir, wieħed li qiegħed in-naħa tal-lemin tat-tron tal-Maestà* ***fis-smewwiet****."*

**Rivelazzjoni 8:1,**

*"U meta fetaħ is-seba' siġill, kien hemm sikta* ***fis-sema*** *madawr nofs siegħa."*

**Rivelazzjoni 12:7-9,**

*"U kien hemm gwerra* ***fis-sema****; Mikiel u l-anġli tie-għu tqabdu kontra d-dragun; u d-dragun tqabad u l-anġli tiegħu."*

**Rivelazzjoni 21:16, 22-27,**

*"U l-belt kienet kwadra…U fiha ma rajt ebda tempju: għax il-Mulej Alla li jista' kollox u l-Ħaruf huma t-tempju tagħha. U l-belt ma kellhix bżonn la ta' xemx, u la ta' qamar, biex jiddu fiha: għax il-glorja ta' Alla kienet iddawwalha, u l-Ħaruf hu d-dawl tagħha. U jimxu fid-dawl tagħha l-ġnus ta' dawk li huma salvati: u s-slaten ta' l-art iġibu fiha l-glorja u l-unur tagħhom. U bwieba ma jingħalqu qatt bi nhar; għax ma jkunx hemm lejl. U fiha jġibu l-glorja u l-unur tal-ġnus. U fiha ma jidħol xejn li jħammeġ, lanqas min jagħmel ħwejjeġ moqżieża, jew jigdeb: imma dawk li huma miktubin fi ktieb il-ħajja tal-Ħaruf."*

**Rivelazzjoni 22:1-5**

*"U wrieni xmara safja ta' ilma tal-ħajja, ċar daqs il-kristall, ħierġa mit-tron ta' Alla u tal-Ħaruf. F'nofs il-misraħ tal-belt, u fuq kull naħa tax-xmara, kien hemm is-siġra tal-ħajja, li kienet tagħmel tnax-il xorta ta' frott, u tagħti l-frott tagħha kull xahar: u l-weraq tas-siġra kienu għall-fejqan tal-ġnus. U ma jkunx hemm aktar saħta: iżda t-tron ta'Alla u tal-Ħaruf ikun fiha; u l-qaddejja tiegħu jagħtuh qima. U jaraw wiċċu; u ismu jkun fuq ġbinhom U ma jkunx hemm aktar lejl hemm; u ma jkollhomx bżonn dawl tax-xemgħa, lanqas dawl tax-xemx; għax il-Mulej Alla jagħtihom id-dawl: u huma jsaltnu għal dejjem ta' dejjem."*

**II. Il-ġusti biss ikun fis-Smewwiet:**

**Mattew 5:20;**

*"Għax ngħidilkom: Jekk il-ħaqq tagħkom ma jkunx akbar mill-ħaqq ta' l-iskribi u tal-Fariżej, ma tidħlu b'xejn fis-saltna* ***tas-smewwiet****."*

**Mattew 25:34,**

*"Imbagħad igħid is-Sultan lil dawk li jkunu fil-lemin tiegħu: Ejjew, ja mberkin ta;' Missieri, irtu* ***s-saltna*** *għalikom mit-tisjis tad-dinja."*

**Galatin 5:19-21,**

*"Issa l-egħemejjel tal-ġisem, li huma magħrufin, huma dawn: l-adulterju, iż-żena, il-faħx, it-tbaħrid, l-ido-latrija, is-seħer, il-mibegħda, il-ġlied, il-ġelosija, il-għadab, it-tbixkil, il-firda, l-ereżija, l-għira, il-qtil, is-sokor, ix-xalar, u ħwejjeġ bħal dawn: u ngħidilkom minn qabel, bħal ma għidtilkom ukoll fl-imgħoddi, li dawk li jagħmlu ħwejjeġ bħal dawn ma jirtux* ***is-saltna ta' Alla****."*

**Efesin 5:5,**

*"Għax dan intom tafru: li l-ebda żieni, jew faħxi, jew rgħib, li hu idolatra, m'għandu wirt fis-****saltna ta' Kristu u ta' Alla****."*

**Rivelazzjoni 22:15,**

*"Għax barra huma l-klieb, u s-saħħara, u ż-żienja, u l-qattiela, u l-idolatri, u dawk kollha li jħobbu u jagħmlu l-qerq."*

## I. Kif se tkun is-Smewwiet?

### A. Ikun hemm tifħir u qima kontinwi:

**Neħemija 9:6,**

*"Int, int hu l-Mulej waħde! Int għamilt is-sema, is-sema tas-smewwiet, bl-eżerċtu tagħhom kollu, l-art, u kulma hemm fuqha, l-ibħra, u kulma hemm fihom; u int lil kollha tagħtihom il-ħajja; u l-eżerċtu tas-sema lilek iqim."*

**Ġob 38:7,**

*"Huma u jgħannu flimkien il-kwiekeb tas-sebħ, u jgħajtu bil-ferħ ulied Alla kollha?"*

**Salm 103:20, 22,**

*"Bierku l-Mulej, intom l-anġli tiegħu, setgħana u qawwija, li tagħmlu dak li jgħid, billi tisimgħu leħen il-kelma tiegħu. Bierku l-Mulej, intom ilkoll l-eżerċti tiegħu, intom li tagħmlu r-rieda tiegħu. Bierku l-Mulej, intom ilkoll l-egħmejjel tiegħu fin-naħat kollha tas-saltna tiegħu: bierek il-Mulej, o ruħ tiegħi!"*

**Salm 148:2, 4,**

*"Faħħruh, anġli tiegħu kollha: faħħruh, eżerċti tiegħu kollha!...Faħħruh, smewwiet tas-smewwiet, u intom ilmijiet ta' fuq is-smewwiet!"*

**Isaija 6:3,**

*"U wieħed kien igħajjat lil ieħor, u jgħid: Qaddis, Qaddis, Qaddis, hu l-Mulej ta' l-eżerċti! L-art kollha mimlija bil-glorja tiegħu."*

**Eżekjel 3:12,**

*"Imbagħad l-ispirtu refagħni fil-għoli u smajt warajja d-damdim ta' theżhiża kbira, igħid: Imbierka l-glorja tal-Mulej minn fejn igħammar!"*

**Luqa 2:13-14,**

*"U minnufih kien hemm ma' l-anġlu kotra ta' qtajja tas-sema jfaħħru 'l Alla, u jgħidu: Glorja 'l Alla fl-aktar għoli, u fuq l-art sliem, rieda tajba lejn il-bnedmin."*

**Luqa 15:7, 10,**

*"Ngħidilkom, li hekk ikun hemm ferħ fis-sema għal midneb wieħed li jindem, aktar milli għal disgħa u disgħin bniedem ġust, li m'għandhomx bżonn ta' ndiema...Hekk, ngħidilkom, ikun hemm ferħ quddiem l-anġli t'Alla għal midneb wieħed li jindem."*

**Rivelazzjoni 1:6,**

*"U għamilna slaten u qassisin għal Alla u Missieru; lilu glorja u qawwa għal dejjem ta' dejjem. Amen."*

**Rivelazzjoni 4:8-11,**

*"U l-erba' kreaturi ħajjin kellhom kull wieħed minnhom għajnejn minn ġewwa: u ma kinux jistrieħu nhar u lejl, igħidu: Qaddis, Qaddis, Qaddis, il-Mulej Alla li jista' kollox, li kien, li hu, u li jiġi. U meta dawk il-kreaturi ħajjin kienu jagħtu glorja u ġieh u radd il-ħajr lil dak li kien fuq it-tron, lihu ħaj għal dejjem ta' dejjem, l-erbgħa u għoxrin xiħ kienu jinxteħtu quddiem dak li kien fuq it-tron, u jagħtu qima lil dak li hu ħaj għal dejjem ta' dejjem, u jitfgħu l-kuruni tagħhom quddiem it-tron, huma u jgħidu: Int jisthoqqlok, o Mulej, li tilqa' glorja u ġieh u setgħa: għax int ħlaqt kollox, u bir-rieda tiegħek saru u nħolqu."*

**Rivelazzjoni 5:9-14,**

"*U għannew għanja ġdida, billi qalu: Int jistħoqqlok tieħu l-ktieb, u tiftaħ is-siġilli tiegħu: għax int kont maqtul, u fdejtna għal Alla b'demmek minn kull tribù, u lsien, u poplu, u ġens: U għamiltna għal Alla tagħna slaten u qassisin: u aħna nsaltnu fuq l-art. U rajt, u smajt leħen ta' ħafna anġli mad-war it-tron u l-kreaturi ħajjin u x-xjuħ: u l-għadd tagħhom kien għaxart elef għal għaxart elef darba, u eluf ta' eluf; U kienu jgħidu b'leħen qawwi: Jis-tħoqqlu l-Ħaruf li nqatel biex jieħu s-setgħa, u l-għanja, u l-għerf, u l-qawwa, u l-ġieh, u l-glorja, u l-barka. U kull kreatura li hemm fis-sema, u fuq l-art, u taħt l-art, u li hemm fil-baħar, u kull ma hemm fihom, smajthom igħidu: Barka, u ġieh, u glorja, u setgħa lil dak li qiegħed fuq it-tron, u lill-Ħaruf għal dejjem ta' dejjem! U l-erba' kreaturi ħajjin wieġbu: Amen. U l-erbgħa u għoxrin xiħ inxteħtu u qiemu lil dak li hu ħaj għal dejjem ta' dejjem.*"

**Rivelazzjoni 7:9-12,**

"*Wara dan ħarist, u, ara, kotra kbira, li ebda bniedem ma kien jista' jgħoddha, minn kull ġens, u tribù, u poplu, u lsien, kienet wieqfa quddiem it-tron, u quddiem il-Ħaruf, lebsin ilbies abjad, u bil-palm f'idejhom; U kienu jgħajtu b'leħen qawwi, igħidu: Is-salvazzjoni ġejja minn Alla tagħna, li qiegħed fuq it-tron, u mill-Ħaruf. U l-anġli kollha kienu madwar it-tron, u madwar ix-xjuħ u l-erba' kreaturi ħajjin, u nxteħtu wiċċhom fl-art quddiem it-tron, u qiemu 'l Alla, billi qalu: Amen. Barka, u glorja, u għerf, u radd il-ħajr, u ġieh, u setgħa, u qawwa 'l Alla tagħna għal dejjem ta' dejjem. Amen.*"

**Rivelazzjoni 11:16-17,**

"*U l-erbgħa u għoxrin xiħ, li kienu bil-qiegħda quddiem Alla fuq it-tronijiet tagħhom, inxteħtu wiċċhom fl-art, u qiemu 'l Alla, huma u jgħidu: Niżżuħajr, o Mulej Alla li tista' kollox, li int, u kont,*

*u tkun; għax ħadt f'idejk is-setgħa kbira tiegħek, u saltnajt.*"

**Rivelazzjoni 14:2-3,**

"*U smajt leħen mis-sema, bħal ħoss ta' ħafna ilmijiet, u bħal ħoss ta' ragħda qawwija: u smajt il-ħoss tad-daqqaqa ta' l-arpa huma u jdoqqu l-arpi tagħhom; U għannew bħal għanja ġdida quddiem it-tron, u quddiem l-erba' kreaturi ħajjin, u x-xjuħ; u l-ebda bniedem ma sata' jitgħallem dik il-għanja ħlief il-mija u erbgħa u erbgħin elf, li kienu mixtrijin mill-art.*"

**Rivelazzjoni 15:3-4,**

"*U rajt bħal baħar tal-ħġieġ imħallat bin-nar; u dawk li għamlu rebħa fuq il-bhima, u fuq ix-xbieha tagħha, u fuq il-marka tagħha, u fuq il-għadd ta' isimha, weqfin fuq il-baħar tal-ħġieġ, u kellhom l-arpi ta' Alla. U kienu jgħannu l-għanja ta' Mosè l-qaddej t'Alla, u l-għanja tal-Ħaruf, billi jgħidu: Kbar u tal-għaġeb huma l-egħmejjel tiegħek, Mulej Alla li tista' kollox; tal-ħaqq u tas-sewwa huma triqatek, o Sultan tal-qaddisin.*"

**Rivelazzjoni 19:1-7,**

"*U wara dawn il-ħwejjeġ smajt leħen qawwi ta' ħafna nies fis-sema jgħidu: Halleluja; is-Salvazzjoni, u l-glorja, u l-ġieħ, u s-setgħa, lill-Mulej Alla tagħna: Għax veri u tal-ħaqq huma l-ġudizzji tiegħu: għax għamel ħaqq mill-mara tad-dnub il-kbira, li kienet tħassar l-art biż-żina tagħha, u tħallas tad-demm tal-qaddejja tiegħu mxerred b'idha. U mill-ġdid qalu: Hallelujah! U d-duħħan tagħha tala' għal dejjem ta' dejjem. U l-erbgħa u għoxrin xiħ u l-erba' kreaturi ħajjin inxteħtu jagħtu qima 'l Alla li qiegħed fuq it-tron, igħidu: Amen; Hallelujah! U ġie leħen mit-tron igħid: Faħħru 'l Alla tagħna, intom ilkoll il-qaddejja tiegħu, u intom li tibżgħu minnu, sew żgħar, u kemm kbar. U smajt bħal leħen ta' ġemgħa kbira ta' nies, u bħal ħoss ta' ħafna ilmi-jiet, u bħal ħoss ta' ragħad qawwi, igħid: Halle-lujah: Għax isaltan il-Mulej Alla li jista' kollox. Ħa nifirħu*

*u nithennew, u naghtuh glorja: għax wasal it-tieġ tal-Ħaruf, u martu hejjiet ruħha.*"

**Rivelazzjoni 22:3,**

"*U ma jkunx hemm aktar saħta: iżda t-tron ta' Alla u tal-Ħaruf ikun fiha; u l-qaddejja tiegħu jagħtuh qima.*"

**B. Is-Smewwiet (il-Ġenna) tkun sabiħa:**

**Rivelazzjoni 21:2, 11, 18, 19, 21,**

"*U jien Ġwanni rajt il-belt qaddisa, Ġerusalem ġdida, nieżla mingħand Alla mis-sema, imhejjijha qisha għarusa mżejna għal żewġha…U kellha l-glorja t'Alla: u d-dija tagħha kienet bħal dik ta' ħaġra l-aktar prezzjuża, qisha ġaspru, ċara daqs il-kristall…U l-bini tal-ħajt tagħha kien tal-ġaspru: u l-belt kienet deheb saifi, bħal ħġieġ ċar. Il-peda-menti tal-ħajt kienu mżejnin b'kull xorta ta' ħaġar prezzjuż. L-ewwel pedament kien ġaspru; it-tieni, saffir; it-tielet, kalċedonju; ir-raba', smerald;…U t-tnax-il bieb kienu tnax-il ġawrha; kull waħda: u t-triq tal-belt kienet deheb safi, qisu ħġieġ traspa-renti.*"

**C. Is-Smewwiet tkun post ta' ferħ kbir u sodisfazzjoni kbir fil-preżenza Tiegħu, għax hemm aħna naraw lil Alla:**

**Salmi 16:11,**

"*Int turini l-mogħdija tal-ħajja; quddiemek hemm il-milja tal-ferħ; fuq lemintek hemm għaxqa għal dejjem.*"

**Salm 17:15,**

"*Ngħid għalija, jien għad nara wiċċek fil-ħaqq: għa-lija biżżejjed, x'ħin nistenbaħ, bid-dehra tiegħek.*"

**Isaija 33:17,**

"*Għajnejk jaraw is-sultan fil-ġmiel tiegħu: huma jaraw art li tistendi l-bogħod.*"

**Isaija 49:9-10,**

"*Biex ngħid lill-ħabsin: Oħorġu! Lil dawk li huma fid-dlam: Araw id-dawl! Huma jirgħaw ma' tul it-toroq, u l-mergħat tagħhom ikunu fuq il-għoljiet*

*għerija kollha. Ma jkollhomx ġuħ u lanqas għatx; u la tolqothom is-sħana u lanqas ix-xemx; għax dak li jħenn għalihom imexxihom, u ħdejn egħjun ta' ilma jeħodhom."*

**Mattew 5:8,**

"*Imberkin dawk ta' qalb safja: għax għad jaraw 'l Alla.*"

**Luqa 15:7, 10,**

"*Ngħidilkom, li hekk ikun hemm ferħ fis-sema għal midneb wieħed li jindem, aktar milli għal disgħa u disgħin bniedem ġust, li m'għandhomx bżonn ta' ndiema…Hekk, ingħidilkom, ikun hemm ferħ quddiem l-anġli t'Alla għal midenb wieħed li jindem.*"

**1 Tessalonikin 4:17,**

"*Imbagħad aħna l-ħajjin, u li nkunu bqajna, ninħatfu flimkien magħhom fis-sħab, biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru: u hekk inkunu dejjem mal-Mulej.*"

**Lhud 12:22-23,**

"*Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon, u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj,* ***Ġerusalem tas-sema****, u lejn numru bla għadd ta' anġli. Lejn il-ġemgħa l-kbira, u l-knisja ta' l-ulied il-kbar, li huma miktubin fis-smewwiet, u lejn Alla l-Imħallef ta' kulħadd, u lejn l-ispirti tal-ġusti li saru perfetti.*"

**D. Is-Smewwiet tkun eterna:**

**Salm 23:6,**

"*Tassew it-tjieba u l-ħniena jiġu warajja l-jiem kollha ta' ħajti; u jien ngħammar f'dar il-Mulej il-jiem kollha.*"

**Mattew 25:46,**

"*U dawn imorru fil-kastig ta' dejjem; iżda n-nies sewwa fil-ħajja ta' dejjem.*"

**Ġwanni 10:28,**

"*U jien nagħtihom il-ħajja ta' dejjem; u ma jintilfu qatt, u lanqas ebda bniedem ma jaħtafhomli minn idi.*"

**1 Pietru 1:4,**

*"Għal wirt li ma jitħassarx, ma jittebbax, u ma jgħibx, merfugħ fis-sema għalikom."*

**2 Pietru 1:11,**

*"Hekk tingħatalkom fil-wisa' daħla fis-saltna ta' dejjem ta' Sidna u Salvatur tagħna Ġesù Kristu."*

**Rivelazzjoni 22:5,**

*"Lejl ma jkunx hemm iżjed, u ma jkunx jaħtieġ dawl ta' musbieħ u dawl tax-xemx, għax il-Mulej Alla jlkun jiddi fuqhom, u huma jsaltnu għal dejjem ta' dejjem."*

**E. Nies minn kull razza u lsien u kull nazzjon ikunu ppreżentati fis-Smewwiet:**

**Rivelazzjoni 5:9,**

*"U għannew għanja ġdida, billi qalu: Int jistħoqqlok tieħu l-ktieb, u tiftaħ is-siġilli tiegħu: għax int kont maqtul, u fdejtna għal Alla b'demmek minn kull tribù, u lsien, u poplu, u ġens."*

**Rivelazzjoni 7:9,**

*"Wara dan ħarist, u, ara, kotra kbira, li ebda bniedem ma kien jista' jgħoddha, minn kull ġens, u tribù, u poplu, u lsien, kienet wieqfa quddiem it-tron, u quddiem il-Ħaruf, lebsin ilbies abjad, u bil-palm f'idejhom."*

**F. Hemm ma jkunx hemm aktar żwieġ:**

**Mattew 22:30,**

*"Għax fil-qawma mill-imwiet la jiżżewġu, u la jingħataw għaż-żwieġ, iżda huma bħall-anġli fis-sema."*

**Luqa 20:35-36,**

*"Iżda dawk li jkunu meqjusin li jistħoqqilhom dik id-dinja l-oħra, u l-qawmien mill-mewt, la jiżżewġu, u lanqas jingħataw għaż-żwieġ: Lanqas jistgħu jmutu iżjed: għax huma bħall-anġli; u huma wlied Alla, billi huma wlied il-qawmien mill-imwiet."*

G. Ħafna mill-mifdija qegħdin hemm – "*kotra kbira li ebda bniedem ma kien jista' jgħodda*" (Rivelazzjoni 7:9) – kif ukoll anġli (Mattew 18:10; Luqa 12:8; 15:7, 10) – "*eluf fuq eluf*" minnhom (Lhud 12:22).

**I. F'li tiddeskrivi s-Smewwiet il-Bibbja tgħidilna ħafna x'ma jkunx hemm fiha.**

**A. Ebda mard jew uġigħ.**

**Rivelazzjoni 21:4,**

"*U jimsaħ Alla kull demgħa minn għajnejhom; u ma jkunx hemm iżjed mewt, u la għali, u la biki, u lanqas uġiħ iżjed: għax id-dinja ta' qabel tkun għad-diet.*"

**B. Ebda dwejjaq jew biki jew niket.**

**Rivelazzjoni 7:17,**

"*Għax il-Ħaruf lihu f'nofs it-tron jirgħahom, u jmexxihom lejn egħjun ħajjin ta' ilmijiet: u Alla jimsaħ id-dmugħ kollu min għajnejhom.*"

**Rivelazzjoni 21:4,**

"*U jimsaħ Alla kull demgħa minn għajnejhom; u ma jkunx hemm iżjed mewt, u la għali, u la biki, u lanqas uġiħ iżjed: għax id-dinja ta' qabel tkun għad-diet.*"

**C. Ebda vjolenza jew gwerer, imma paċi perfetta u mistrieħ.**

**Ġob 3:17,**

"*Hemm il-ħżiena jieqfu mit-taħbit; u hemm jistrieħu dawk li huma għajjenin.*"

**2 Tessalonikin 1:7,**

"*U lilkom li intom imħabbtin strieħu magħna, meta jidher Sidna Ġesù mis-sema ma' l-anġli setgħana tiegħu.*"

**D. Ebda mewt.**

**Luqa 20:36,**

"*Lanqas jistgħu jmutu iżjed: għax huma bħall-anġli; u huma wlied Alla, billi huma wlied il-qawmien mill-imwiet.*"

**Rivelazzjoni 7:16-17,**

*"Ma jkollhom qatt aktar ġuħ, u lanqas għatx; u la tiddi fuqhom ix-xemx, u lanqas ebda sħana tikwi. Għax il-Ħaruf lihu f'nofs it-tron jirgħahom, u jmexxihom lejn egħjun ħajjin ta' ilmijiet: u Alla jimsaħ id-dmugħ kollu min għajnejhom."*

E. **Ebda ġuħ jew għatx.**

**Rivelazzjoni 7:16-17,**

*"Ma jkollhom qatt aktar ġuħ, u lanqas għatx; u la tiddi fuqhom ix-xemx, u lanqas ebda sħana tikwi. Għax il-Ħaruf lihu f'nofs it-tron jirgħahom, u jmexxihom lejn egħjun ħajjin ta' ilmijiet: u Alla jimsaħ id-dmugħ kollu min għajnejhom."*

I. **Il-Bibbja tipprovdi ħafna deskrizzjonijiet metaforiċi tas-smewwiet.**

A. **Id-dar tal-Missier.**

**Ġwanni 14:2,**

*"F'dar Missieri hemm ħafna agħmajjar: kieku ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Jien sejjer inhejji post għalikom."*

**Salm 23:6,**

*"Tassew, it-tjieba u l-ħniena jiġu warajja l-jiem kollha ta' ħajti; u jien ngħammar f'dar il-Mulej il-jiem kollha."*

**2 Korintin 5:1,**

*"Għax aħna nafu, li, jekk l-agħmara tagħna ta' l-art ta' din it-tinda tiġġarraf, għandna dar mibnija minn Alla, agħmara mhix maħduma bl-idejn, eterna fis-sema."*

**Rivelazzjoni 21:3,**

*"U smajt leħen qawwi mis-sema jgħid: Ara, l-agħmara t'Alla hi mal-bnedmin, u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla stess ikun magħhom, u jkun Alla tagħhom."*

**B. Pajjiż jew belt tas-sema.**

**Lhud 11:10, 16,**

*"Għax kien [Abraham] jistenna belt li għandha s-sisien, li l-bennej u l-imgħallem tagħha hu Alla… Imma issa jixtiequ pajjiż aħjar, jiġifieri wieħed tas-sema; għalhekk Alla ma jistħix jissejjaħ Alla tagħhom: għax hejjielhom belt."*

**Lhud 12:22,**

*"Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon, u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj, Ġerusalem tas-sema, u lejn numru bla għadd ta' anġli."*

**Lhud 13:14,**

*"Għax hawn ma għandniex belt li tibqa', imma nfittxu l-oħra li għad trid tiġi."*

**C. Mistrieħ.**

**2 Tessalonikin 1:7,**

*"U lilkom li intom imħabbtin strieħu magħna, meta jidher Sidna Ġesù mis-sema ma' l-anġli setgħana tiegħu."*

**Lhud 4:9,**

*"Għalhekk baqa' mistrieħ tas-Sibt għall-poplu ta' Alla."*

**Rivelazzjoni 14:13,**

*"U smajt leħen mis-sema jgħidli: Ikteb : Imberkin il-mejtin li jmutu fil-Mulej minn issa 'l quddiem: Iva, igħid l-Ispirtu, biex jistrieħu mit-taħbit tagħhom; u l-egħmejjel tagħhom imorru warajhom."*

**D. Maħżen tal-qamħ.**

**Mattew 3:12,**

*"Il-midra tiegħu qiegħda f'idu, u jnaddaf sewwa l-qiegħa tiegħu; u jiġbor il-qamħ tiegħu fil-maħżen; iżda b'nar li ma jintefiex jaħraq it-tiben."*

**Mattew 13:30,**

*"Ħalluhom it-tnejn flimkien jikbru sal-ħsad; u fi żmien il-ħsad ngħid lill-ħassada: Iġbru l-ewwel is-*

*sikrana, u orbtuha f' qatet biex taħarquha: iżda iġbru l-qamħ fil-maħżen tiegħi."*

E. **Is-Saltna ta' Kristu u ta' Alla.**

**Mattew 13:43,**

"*Imbagħad in-nies sewwa jiddu bħax-xemx fis-saltna ta' Missierhom. Min għandu widnjen biex jisma', ħa jisma'."*

**Luqa 12:32,**

"*La tibżax, merħla żgħira; għax Missierkom għoġbu jagħtikom is-saltna."*

**Luqa 22:29-30,**

"*U jien nagħtikom saltna, bħal ma tahieli Missieri; Biex tieklu u tixorbu fuq il-mejda tiegħi fis-saltna tiegħi, u toqogħdu fuq it-tronijiet tagħmlu ħaqq mit-tnax-il tribù ta' Iżrael."*

**Efesin 5:5,**

"*Għax dan intom tafu: li ebda żieni, jew faħxi, jew rgħib, li hu idolatra, m'għandu wirt fis-saltna ta' Kristu u ta' Alla."*

**1 Tessalonikin 2:12,**

"*Biex timxu kif jixraq 'l Alla, li sejħilkom għas-saltna u l-glorja tiegħu."*

**Lhud 12:28,**

"*Għalhekk la darba aħna ksibna saltna li ma tistax tkun imheżhża, ħa nżommu l-grazzja, li biha nistgħu naqdu 'l Alla kif jixraq, bil-ġieh u l-biża'."*

F. **Ġenna, il-post perfett.**

**Luqa 23:43,**

"*U Ġesù qallu: Ngħidlek is-sewwa li llum tkun fil-ġenna miegħi."*

**2 Korintin 12:2, 4,**

"*Naf wieħed fi Kristu li, erbatax-il sena ilu, (jekk fil-ġisem, ma nistax ngħid; jew barra mill-ġisem, ma nistax ngħid: Alla jaf;) li kien maħtuf sat-tielet*

*sema… Kien maħtuf sal-ġenna, u sama' kliem li ma jistax jingħad, li ma jiswiex li wieħed itenni.*"

**Rivelazzjoni 2:7,**

"*Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes: Li min jirbaħ nagħtih jiekol mis-siġra tal-ħajja, li hi f'nofs il-ġenna t'Alla.*"

G. **Il-Muntanja tal-Mulej.**

**Salm 24:3, 7,**

"*Min jitla' fuq il-għolja tal-Mulej? Jew min joqgħod fil-post imqaddes tiegħu?…erfgħu rjuskom, u bwieb; u intom, bwieb eterni intrefgħu, ħalli s-Sultan tal-glorja jidħol.*"

**Lhud 12:22,**

"*Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon, u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj, Ġerusalem tas-sema, u lejn numru bla għadd ta' anġli.*"

**Rivelazzjoni 14:1-3,**

"*U ħarist; u, ara, kien hemm wieqaf fuq il-muntajna ta' Sijon Ħaruf, u miegħu kien hemm mija u erbgħa u erbgħin elf ruħ, li kellhom isem Missieru miktub fuq ġbinhom. U smajt leħen mis-sema, hbħal ħoss ta' ħafna ilmijiet, u bħal ħoss ta' ragħda qawwija: u smajt il-ħoss tad-daqqaqa ta' l-arpa huma u jdoqqu l-arpi tagħhom; U għannew bħal għanja ġdida quddiem it-tron, u quddiem l-erba' kreaturi ħajjin, u x-xjuħ; u l-ebda bniedem ma sata; jitgħallem dik il-għanja ħlief il-mija u erbgħa u erbgħin elf, li kienu mistrijin mill-art.*"

H. **Festa kbira.**

**Mattew 8:11,**

"*U ngħidilkom, li ħafna jiġu mil-lvant u mill-punent, u joqogħdu fuq il-mejda ma' Abraham u ma' Iżakk, u ma' Ġakobb, fis-saltna tas-smewwiet.*"

**Luqa 22:30,**

*"Biex tieklu u tixorbu fuq il-mejda tiegħi fis-saltna tiegħi, u toqogħdu fuq it-tronijiet tagħmlu ħaqq mit-tnax-il tribù ta' Iżrael."*

**I. Is-Smewwiet hija mfissra fl-Iskrittura, forsi figurattivament, bħala "fuq" – fis-sema.**

**2 Slaten 2:11,**

*"U ġara, huma u sejrin, u jitkellmu, illi, ara, deher mirkeb tan-nar, u żwiemel tan-nar, li firduhom it-tnejn; u Elija tala' ġo riefnu fis-sema."*

**Atti 7:55, 56,**

*"Imma hu, billi kien mimli bl-Ispirtu s-Santu, sammar għajnejh fis-sema, u ra l-glorja t'Alla, u 'l Ġesù wieqaf fil-leminija ta' Alla. U qal: Ara, qiegħed nara s-smewwiet miftuħa, u 'l Bin il-bniedem wieqaf fil-leminija ta' Alla."*

**II. Il-wegħda tas-Smewwiet għandha tkun sors kbira ta' ferħ u tama għalina.**

**Luqa 10:20,**

*"Madankollu b'dan la titirħux, li l-ispirti joqogħdu għalikom; iżda ifirħu li ismijietkom inkitbu* ***fis-sema****."*

**A. Ġesù jrid li aħna ningħaqdu Miegħu hemm,**

**Ġwanni 17:24,**

*"Missier, irrid illi dawk ukoll, li inti tajtni, ikunu miegħi fejn inkun jien; biex jaraw il-glorja tiegħi, li inti tajtni: għax ħabbejtni qabel tisjis id-dinja."*

Diversi versi fuq is-Smewwiet: Mattew 6:20; 19:21; Luqa 15:32; 16:22; Ġwanni 5:28-29; 13:36; 2 Korintin 12:2-4; Efesin 1:18; Kolossin 1:5, 6, 12; 3:4; 2 Tessalonikin 2:14; Lhud 10:34; 2 Pietru 3:13; Rivelazzjoni 3:21; 4:4; 15:2.

Għalhekk it-twissija:

*"Tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t'Alla fuq ulied id-diżubbidjenza"* (Efesin 5:6).

L-istedina tal-Mulej qiegħda hemm għal kull min irid. Ismagħha:

*"U l-Ispirtu u l-għarusa jgħidu: Ejja. U min jisma' ħa jgħid; Ejja. U ħa jiġi min hu bil-għatx.* ***U kull min irid****, ħa jieħu l-ilma tal-ħajja b'xejn*" (Rivelazzjoni 22:17).

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:


Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew: www.churchofchristmalta.com